Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 286 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Johann J. Fenech

Vs

Stuart Piscopo

Illum 13 ta' Ottubru, 2020,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Stuart Piscopo detenur tal-karta tal-identita Maltija 385190M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-14 ta' Frar 2009 u fil-gimghat ta' qabel din id-data f' dawn il-Gzejjer:

1. Biegh jew xort' ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f' xi preparazzjonijiet li jkolhom bhala bazi din r-raza, u dan bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Zamm f' xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr ma kellu licenza taht l-Att dwar l-Armi.

Il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala wiehed li kkommeta reat fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew centru taz-zaghzagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh jew li kkommetta reat li jkun jikkonsisti fil-bejgh, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f' li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil minuri, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi program ta' kura jew ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-30 ta' Mejju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii), il-proviso tal-Artikolu 22(2)(b) u l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u illiberatu minnha, fil-waqt illi sabithu hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet (in kwantu biss dawn jirreferu ghall-14 ta' Frar 2009 u mhux ghall-gimghat ta' qabel din id-data), kif ukoll tal-aggravju ai termini tal-proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 u ikkundannatu ghall-piena ta' tliet (3) xhur prigunerija effettiva u multa ta' seba' mitt ewro (€700) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati f' rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b' dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ordnat d-distruzzjoni ta' Dokument JF 3[1] hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Stuart Piscopo, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-18 ta' Gunju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi filwaqt li **TIKKONFERMAHA** fejn illiberat lill-appellant mit-tielet (3) imputazzjoni, **THASSARHA U TIRREVOKAHA** fejn sabitu hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet (in kwantu biss dawn jirreferu ghall- 14 ta' Frar 2009 u mhux ghall-gimghat ta' qabel din id-data), kif ukoll tal-aggravju ai termini tal-proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 10, tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwentement tilliberah minnhom; u fin-nuqqas ta' dan **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat **Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**A. L-Inammissibilita' tal-Istqarrijiet u kwalunkwe referenza ghaliha ta' Chantelle Piscopo u Amadeo Pace**

Illi fl-ewwel aggravju tieghu, fl-umli fehma tieghu, l-appellanti jilmenta illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi applikabbli, u dan meta dehrileha illi in vista tal-fatt lix-xhieda principali tal-prosekuzzjoni u cioe' Chantelle Piscopo u Amadeo Pace fit-tehid ta' l-istqarrija taghhom ukoll ma kienux debitament assistiti minn avukat dan ma jwassalx ghall-isfilz tal-istess stqarrijiet taghhom u kwalunkwe referenza ghalihom.

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech tas-7 ta' Novembru 2011 (a fol. 51 tal-process).

Illi l-appellant jirrileva illi l-fatt illi x-xhud principali fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma kelliex il-beneficcju tal-assistenza legali meta rrilaxxat l-istqarrija taghha jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu stante illi l-istess stqarrija giet moqrija u saret referenza ghaliha meta l-istess xhieda gew biex jixhdu fil-proceduri kriminali surreferiti.

Illi fil-fatt, jirrizulta ampjament illi x-xhieda Chantelle Piscopo u Amadeo Pace rrilaxxaw stqarrijiet, liema stqarrijiet anke gew igguramentati quddiem il-Magistrat Inkwerenti, liema stqarrijiet gew rilaxxati minghajr ma inghatalhom id-dritt illi jikkonsultaw ma' avukat tal-fiducja taghhom u ghalhekk l-istess stqarrijiet jew xi referenza ghalihom huma lezivi tad-drittijiet fundamentali kif sanciti fl-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta tal-appellanti.

Illi d-dritt tal-appellant taht l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kien irrimedjabbilment pregudikat meta gew uzati l-istqarrijiet tax-xhieda tal-prosekuzzjoni mehuda b' mod leziv u abuzivament fil-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tieghu. Fil-fatt, id-dritt tal-appellant taht l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kien irrimedjabbilment pregudikat meta x-xhieda ewlieni Chantelle Piscopo u Amadeo Pace kienu mizmuma u mitkellma mill-Pulizija Ezekuttiva u rrilaxxaw stqarrija waqt l-interrogazzjoni meta huma ma kinux assistiti minn avukat u dawn l-istqarrijiet sussegwentement intuzaw kontra l-appellant stante illi minhabba tali stqarrijiet l-esponent gie arrestat u mressaq il-Qorti akkuzat bl-akkuzi odjerni fil-proceduri kriminali apparti illi l-istess stqarrijiet saru referenza ghalihom waqt illi xhieda kienu qeghdin jiddeponu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Fi kliem iehor, l-istqarrijiet tax-xhieda ewlenien mehuda b' mod leziv kienu l-pern tal-proceduri kriminali mehudin fil-konfront tal-appellant stante illi kienu l-istess stqarrijiet

li waslu ghall-arrest u eventwalment ghall-prosediment kriminali fil-konfront tal-istess appellant.

Illi l-Ligi fiz-zmien illi fih l-appellant gie arrestat u investigat ma kienetx tipprovdi ghad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat f'ebda hin tal-arrest, qabel jew matul l-interrogazzjoni liema fatt gie anke rikonoxxut mill-Ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward tal-istqarrija rilaxxata mill-appellant innifsu.

Illi kemm l-appellant kif ukoll ix-xhieda ma kellhomx avukat biex jassistihom waqt li kienu qed jigu investigati mill-Ispettur u ma kellhomx avukat li seta jassikura li d-drittijiet taghhom qed ikunu segwiti u salvagwardjati. Illi l-eskluzjoni totali ta' avukat tal-fiducja mill-istadju tal-investigazzjoni, partikolarment waqt it-tehid tal-istqarrija huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghal smiegh xieraq.

Illi d-dritt tal-assistenza legali ghall-persuni suspettati waqt l-investigazzjoni, bhala aspett tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem gie stabbilit permezz ta' gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem liema dritt gie ritenut illi jigi miksur anke jekk il-persuna suspettata u investigata tibqa' siekta tul il-kors kollu tal-arrest taghha.

Illi l-appellant mhux se jidhol fuq il-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju ta' interrogazzjoni huwiex leziv o meno stante illi kienet l-Ewwel Onorabbli Qorti stess illi kkonfermat illi n-nuqqas ta' assistenza legali lil persuni interrogati huwa leziv ghad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u dan a skorta ta' gurisprudenza kemm lokali kif ukoll Ewropea. Fil-fatt, jirrizulta car u inekwivoku mill-gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi tali ksur jissussisti awtomatikament mac-cahda tal-access tal-assistenza legali lill-persuna suspettata u dan indipendetament mic-cirkostanzi, karattru, antecedenti, vulnerabbilita' o meno, tal-persuna investigata (**Salduz vs Turkey; Brusco vs. France, Panovits vs. Cyprus**, **Pischalnikov vs Russia, Dayanan vs Turkey, Plonka vs. Poland, Pavlenko vs. Russia).** Illi *di piu* l-vulnerabbilita tal-persuna interrogata taggrava ulterjorment tali ksur.

Illi izda l-Ewwel Onorabbli Qorti hasset illi ghalkemm hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-kaz tal-istqarrija tal-appellant, dan l-istess ksur ma

jissusstix fil-kaz tal-istqarrijiet tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi semmai ghandu jkun ix-xhud li jilmenta minn nuqqas ta' assistenza legali u mhux l-appellant. Il-Qorti rriteniet illi l-interess personali, dirett u attwali fl-attakk ta' l-istqarrija jinhtieg jkun tax-xhud migjub u mhux tal-appellant.

Illi l-appellant umilment jirrileva illi ma jaqbel xejn ma tali ragunament stante illi huwa ghandu interess dirett, personali u attwali fir-rigward tal-istqarrijiet tax-xhieda ghax l-istess stqarrijiet waslu sabiex hu jigi arrestat u eventwalment l-istess stqarrijiet jinsabu esebiti fl-inkartament kriminali u saru referenza ghalihom meta giet biex jixhdu x-xhieda.

Illi dan kollu jsib konfort anke fis-sentenza ta' **Mario Borg vs. Malta** datata 12 ta' Jannar 2016 illi sabet lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem senjatament dawk taht l-Artikolu 6 (1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea. F' dan ir-rigward il-Qorti rriteniet illi d-dritt tal-assistenza legali ghandha tkun ir-regola generali u tali dritt ghandu jinghata mill-istadju inizjali tal-investigazzjoni salv f'cirkustanzi eccezzjonali. Kompliet ittenni li d-dritt tad-Difiza jkun ippregudikat meta persuna taht invesitgazzjoni taghti stqarrija fejn tinkrimina lilha nnifisha minghajr ma tkun inghatat id-dritt illi tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja taghha. Inoltre, l-istess Qorti rriteniet illi c-cahda sistematika ta' dan id-dritt huwa leziv tal-Artikolu 6 u cioe' dak ghal smiegh xieraq. Fil-fatt, l-istess Qorti sahqet illi:

*"(i) General principles*

*56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction*

*– whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*(ii) Application to the present case*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer*

*at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.*

Illi din l-istess sentenza rribadiet il-principju illi nuqqas ta' assistenza legali tal-persuni illi xehedu fil-proceduri tieghu wkoll jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem stante illi affettwa l-andament tal-proceduri kriminali u ghalhekk f' dak ir-rigward ir-rikorrenti seta jitqies jkollu *a victim status.* Illi l-istess sentenza sahqet izda illi ghalkemm it-talba tieghu kienet ammissibbli stante illi kienet diga' sabet ksur ma kinitx se tidhol iktar fil-fond tal-ilment:

*71. For the purposes of the present case the Court accepts that the applicant has victim status. It also considers that the complaint is not manifestly ill-founded within the meaning of Article 35 § 3 (a) of the Convention, nor does it appear inadmissible on any other grounds. It must therefore be declared admissible.*

*72. However, having regard to the findings in paragraph 63 above, the Court does not consider it necessary to examine the merits of this complaint.*

Ghaldaqstant il-fatt illi l-istqarrijiet tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni gew ammessi fil-proceduri kriminali u anke peress illi l-istess stqarrijiet saru referenzi ghalihom tul il-kors tax-xhieda bil-gurament taghhom, liema stqarrijiet skont gurisprudenza kopjuza kemm Ewropea kif ukoll dik Maltija ittiehdu b' mod leziv u bi ksur tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq ikkundizzjona b' mod negattiv l-andament, il-procediment u l-prosegwiment tal-proceduri fil-konfront tal-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

**B. Apprezzament Zbaljat tal-Provi u tal-Ligi fir-Rigward tal-Ewwel u t-Tieni Imputazzjoni**

Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-appellant m' huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt.*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b' zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid- 19 ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita' . Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b' verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer,** fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b' applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt' :

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his*

*favour, which can be dismissed with the sentence. ' of course it is possible but not in the least probable' , the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x' jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b' zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b' mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x' inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi jigi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha stante' illi l-appellant jirrileva illi x-xhieda ewlenin tal-Prosekuzzjoni u cioe' Chantelle Piscopo u Amadeo Pace ma kienu xejn kredibbli u kien hemm diversi inkonsistenzi f'dak li xehedu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi inoltre jigi rilevat illi mhux biss kien hemm inkostitenzi bejn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni stess u cioe' bejn Chantelle Piscopo u Amadeo Pace izda kien hemm bdil fil-verzjonijiet tax-xhieda taghhom stess.

Illi fil-fatt, kien hemm tawhid shih fil-flus illi allegatamemnt gie moghti l-appellant fejn il-verzjonijiet taz-zewg xhieda ma jaqbilx, kien hemm inkostitenza wkoll fir-rigward Chantelle cemplet lill-appellant u konsiderazzjonijiet ohra illi se jigu trattati fil-kors tal-appell. Illi ghalhekk hemm kunflitt ta' provi qawwi bejn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni stess u dan ifisser illi ghalhekk illi l-appellant ma jistax jinstab hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

C. **Piena Erogata**

lli minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost, l-appellant qieghed jinterponi dan l-appell ukoll mill-piena erogata fil-konfront tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena moghtija u cioe' dik ta' tlett (3) xhur prigunerija u seba' mitt ewro (700) multa hija wahda eccessiva.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

> *' Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi ' crime does not pay' . Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.'*

F' dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F' dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu

ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat** bhal l-appellant **kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' *Probation*.

> *' Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli,* ***li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga... u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin****…* ***li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv****… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali,* ***u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat*** *oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali* ***ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.'***

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

> ' Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia: "*Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li*

*dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f' dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.'***

Ghalhekk, kif inqtal mill-Qrati Maltin l-ghan ewlieni hi illi jkun hemm rimedju retributtiv aktar milli dak restorattiv, u ghaldaqstant meta tara l-piena inflitta komplessivament din ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-appellant ghandu fedina penali netta u ghalhekk jista' jigi kkunsidrat bhala *first time offender* fejn qatt ma xifer difru mal-gustizzja.

Illi inoltre qisu bhal donnu l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena inflitta t-trapass konsiderevoli taz-zmien bejn iz-zmien tal-akkuzi u d-data tas-sentenza. Ill dan it-trapass taz-zmien, kif jirrizulta car minn l-istess verbali tal-Qorti, zgur li ma kienx minhabba xi nuqqas attribwibli lill-appellanti nnifisha.

Din il-Qorti, f' diversi okkazzjonijiet kellha l-opportunita illi tippronunzja ruhha fuq l-effett tat-trapass taz-zmien fuq il-piena, u senjatament ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001), fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali rreteniet illi:

*it-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma.*

Issir ukoll referenza ghal kawza fl-ismijiet **Il-Puliziija vs Nicola Farrugia, John Bugeja, u Loreto Bonello u ommisis**, datata tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) fejn il-Qorti ta' l-Appell irreteniet illi:

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma . Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kkagunat jew provokat minnu stess – kif gara f' dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.*

Ghalhekk, in vista ta' dak kollu suespost, jekk kellha tinstab htija fil-konfront tal-appellant, u dan qieghed jinghad minghajr ebda pregudizzju, il-piena erogata fil-konfront tieghu kellha tkun aktar ekwa u gusta u dan in vista tal-fedina penali netta tieghu, tal-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija [ibbenefika mill-Artikolu 29] u kif ukoll minhabba t-trapass taz-zmien apparti elementi ohra illi se jigu trattati waqt il-kors tal-appell.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fil-lejl tal-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn il-bandli ta' Hal-Safi fejn l-iskola kien hemm tfajla mixhuta fl-art hdejn vettura. Din it-tfajla irrizulta li kienet Chantelle Piscopo;

2. Flimkien ma' din it-tfajla kien hemm Amadeo Pace;

3. F'handbag li kien fil-vettura instabet sustanza suspettata li kienet bicca raza tal-Cannabis fil-foil;

4. Sussegwentement gie allegat li din inxtrat f'dak il-lejl minghand l-imputat;

5. Fit-tfitxija li saret fir-residenza tal-imputat instab skartocc vojt;

6. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat.

Illi l-ewwel aggravju u cioe' dak bl-ittra 'A' jirrigwarda l-inammissibilita' tal-istqarrijiet u kwalunkwe referenza ghaliha ta' Chantelle Piscopo u Amadeo Pace. L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi applikabbli, u dan meta dehrilha illi in vista tal-fatt li x-xhieda principali tal-prosekuzzjoni u cioe' Chanelle Piscopo u Amadeo Pace fit-tehid tal-istqarrija taghhom ukoll ma kienux debitament assistiti minn Avukat, dan ma jwassalx ghall-isfilz tal-istess stqarrijiet taghhom u kwalunkwe referenza ghalihom. Jissottometti li l-fatt li x-xhud principali fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma kelliex il-beneficcju tal-assistenza legali meta rrilaxxat l-istqarrija taghha jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu stante li l-istess stqarrija giet moqrija u saret referenza ghaliha meta l-istess xhieda gew biex jixhdu fil-proceduri kriminali surreferiti. Chantelle Piscopo u Amadeo Pace rrilaxxaw stqarrijiet li ma gewx guramentati quddiem il-Magistrat Inkwirenti minghajr ma nghatalhom id-dritt li jikkonsultaw ma' avukat tal-fiducja taghhom u ghalhekk skont l-appellant l-istqarrijiet jew xi referenza ghalihom huma lezivi tad-drittijiet fundamentali kif sanciti fl-artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta tal-appellanti. Jissottometti li d-dritt tal-appellant taht dawn l-artikoli kien irrimedjabbilment pregudikat meta gew uzati l-istqarrijiet tax-xhieda tal-prosekuzzjoni mehuda b'mod leziv u abuzivament fil-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tieghu u meta x-xhieda ewliena Chantelle Piscopo u Amadeo Pace kienu mizmuma u mitkellma mill-Pulizija Ezekuttiva u rrilaxxaw stqarrija waqt l-interrogazzjoni meta huma ma kienux assistiti minn Avukat. L-appellant ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti fejn hasset li ghalkemm hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-kaz tal-istqarrija tal-appellant, dan ma jissustix fil-kaz ta' stqarrijiet tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni u li rriteniet li l-interess personali, dirett u attwali fl-attakk tal-istqarrija jinhtieg jkun tax-xhud migjub u mhux tal-appellant.

Ikkunsidrat;

Mill-atti jirrizulta li Chantelle Piscopo irrilaxxat stqarrija fis- 16 ta' Frar tas- 2009 kopja taghha tinsab a fol 19 et sequitur fejn ma jirrizultax li nghatat id-dritt li tikkonsulta ma' Avukat qabel ma ttiehdet l-istqarrija bhal kif lanqas ma kellha

Avukat prezenti waqtha. Din ukoll giet konfermata bil-gurament fis- 16 ta' Frar tas-2009 skont fol 18 tal-atti processwali. Chantelle Piscopo fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2011 kienet iddikjarat li ma tridx tixhed fil-konfront ta' kuginuha. Hija izda xehdet f'dawn il-proceduri kemm fis-7 ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax 2011 u anke fis- 27 ta' Mejju 2016. Hija kienet ikkonfermat l-istqarrija bil-gurament anke f'dawn il-proceduri ghalkemm kien hemm ftit diskrepanzi minn dak li xehdet ghal dak li stqarret fl-istqarrija.

Fis-seduta tas- 27 ta' Mejju, 2016 quddiem l-Ewwel Qorti d-difiza kienet talbet sabiex l-isfilaz tal-istqarrija guramentta tax-xhud Chantal Piscopo u dan stante li ma kinitx assistita minn Avukat qabel ttehditilha dik l-istqarrja. Fl-istess verbal tnizzel li l-Qorti tiddeciedi dwar dan il-punt flimkien mas-sentenza finali, kif filfatt ghamlet.

Amadeo Pace xehed f'dawn il-proceduri fit-13 ta' Mejju 2013 kif ukoll fil-11 ta' Novembru, 2016. L-istqarrija rilaxxata minnu ma hijiex prezentata f'dawn il-proceduri.

Ghalhekk din il-Qorti trid tqis jekk il-Qorti fis-sentenza appellata setghetx legalment tqis l-istqarrija ta' Chantelle Piscopo bhala prova ammissibli nonostante l-fatt li ma nghatatx id-dritt li tikkonsulta ma' Avukat kemm qabel ma rrilaxxat l-istqarrija u anke meta gguramentata quddiem il-Magistrat Inkwirenti u meta lanqas ma nghatat id-dritt li jkollha Avukat prezenti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Clayton Azzopardi'**[2] gie kkunsidrat:

*'13. Ngħaddu issa biex inqisu l-ewwel aggravju li ressaq l-attur li jgħid illi l- ewwel qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi meta kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq meta x-xhud ewlenija tal-prosekuzzjoni – Maria Assunta Vella – fit-teħid tal- istqarrija tagħha wkoll ma kinetx assistita minn avukat. Hu jfisser dan l-aggravju tiegħu hekk:*

*»Illi l-appellant jirrileva illi l-fatt illi x-xhud prinċipali fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma kellhiex il-benefiċċju tal-*

[2] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Frar, 2017 (Referenza Kostituzzjonali Numru: 12/2016 MH)

*assistenza legali meta rrilaxxat l- istqarrija tagħha jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu stante illi l-istess stqarrija ġiet moqrija meta ġiet biex tixhed susseg- wentement l-istess xhud fil-proċeduri kriminali surreferiti.*

*»Illi fil-fatt fil-proċess kriminali illi ġie allegat mal-proċeduri odjerni jirriżulta ampjament illi x-xhud Maria Assunta Vella rrilaxxat stqarrija datata 16 ta' Gunju tas-sena 2009 liema stqarrija ġiet rilaxxata min- għajr ma ngħatalha d-dritt illi tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha u għalhekk l-istess stqarrija jew xi referenza għaliha hija leżivi tad- drittijiet fundamentali kif sanċiti fl-artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta tal- appellanti.*

*»Illi d-dritt tal-appellant taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l- artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kien irrimedjabbilment preġudikat meta ġiet użata l-istqarrija tax-xhud tal-prosekuzzjoni meħuda b'mod leżiv u abużivament fil-proċeduri kriminali meħuda fil-konfront tiegħu. Fil-fatt, id-dritt tal-appellant taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kien irrimedjabbilment pre- ġudikat meta x-xhud ewlieni Maria Assunta Vella kienet miżmuma u mitkellma mill-Pulizija Eżekuttiva u rrilaxxat stqarrija waqt l-inter- rogazzjoni meta hija ma kinitx assistita minn avukat u din l-istqarrija sussegwentement intużat kontra l-esponent stante illi minħabba tali stqarrija l-esponent ġie arrestat u mressaq il-qorti akkużat bl-akkużi odjerni fil-proċeduri kriminali u tinsab esebita fil-proċess kriminali tiegħu apparti illi l-istess stqarrija saret referenza għaliha meta Maria Assunta Vella ġiet biex tixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Fi kliem ieħor, l-istqarrija tax-xhud ewlieni Maria Assunta Vella meħuda b'mod leżiv kienet il-pern tal-proċeduri kriminali meħudin fil-konfront tal- esponent Clayton Azzopardi stante illi kienet l-istess stqarrija li wasslet għall-arrest u eventwalment għall-proċediment kriminali fil-konfront tal- istess esponent.*

*»Illi l-liġi fiż-żmien illi fih l-esponent ġie arrestat u investigat ma kinetx tipprovdi għad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat f'ebda ħin tal- arrest, qabel jew matul l-interrogazzjoni, kif ukoll ma kinetx tippermetti lill-persuna investigata aċċess tal-file tal-pulizija u dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-esponent għal smigħ xieraq ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*»Illi kemm l-esponenti kif ukoll ix-xhud Maria Assunta Vella ma kell- homx avukat biex*

*jassistihom waqt li kienu qed jiġu investigati mill- ispettur u ma kellhomx avukat li seta' jassikura li d-drittijiet tagħhom qed ikunu segwiti u salvagwardjati.*

»… … …

*»Illi iżda l-ewwel onorabbli qorti ħasset illi għalkemm hemm ksur tad- drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-każ tal-istqarrija tal-appellant, dan l-istess ksur ma jissusstix fil-każ tal-istqarrija tax-xhud Maria Assunta Vella. Illi l-ewwel onorabbli qorti rriteniet illi se mai għandu jkun ix-xhud li jilmenta minn nuqqas ta' assistenza legali u mhux l-appellant. Il-qorti rriteniet illi l-interess personali, dirett u attwali fl-attakk tal-istqarrija jinħtieġ ikun tax-xhud miġjub, allura ta' Maria Assunta Vella, u mhux tal-appellant.*

*»Illi l-appellant umilment jirrileva illi ma jaqbel xejn ma' tali raġunament stante illi huwa għandu interess dirett, personali u attwali fir-rigward tal-istqarrija tax-xhud Maria Assunta Vella għax l-istess stqarrija wasslet sabiex hu jiġi arrestat u eventwalment l-istess stqarrija tinsab esebita fl-inkartament kriminali u saret referenza għaliha meta ġiet biex tixhed l-istess Maria Assunta Vella. Fil-fatt, Maria Assunta Vella l- ewwel xehdet di sua sponte imbagħad ġie moqrija lilha l-istqarrija fejn għażlet ukoll li tikkonfermaha quddiem il-qorti adita bil-proċeduri kri- minali.*

*»Illi inoltre jiġi rilevat illi fiż-żmien illi xehdet ix-xhud prinċipali Maria Assunta Vella u cioè nhar is-17 ta' Jannar tas-sena 2012 il-qrati Maltin ma kinux għadhom ħadu pożizzjoni ċara rigward l-ammissibilità o meno tal-istqarrija – kienu għadhom ma irrikonoxxewx b'mod ċar il- posizzjoni meħudha mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis- sentenza <u>Salduz v. Turkey</u> deċiża nhar is-27 ta' Novembru tas-sena 2008. Illi inoltre jirriżulta illi meta ġiet biex tixhed ix-xhud ewlieni Maria Assunta Vella mhux biss saret referenza lilha għall-istqarrija rilaxxata minnha (u li ttieħdet b'mod abużiv u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem) iżda saħansitra ġiet moqrija lilha l-istess stqarrija mill- bidu sal-aħħar mill-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Jesmond J. Borg u għalhekk fix-xiehda ġuramentata tagħha hemm l-istqarrija rilaxxata minnha in toto liema stqarrija skont ġurisprudenza kopjuża ttieħdet b'mod abużiv.*

*»Illi dan kollu jsib konfort anke fis-sentenza ta' <u>Mario Borg v. Malta</u> datata 12 ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax 2016 illi sabet leżjoni tad- drittijiet fundamentali tal-bniedem senjatament dawk taħt l-artikolu 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea. F'dan ir-rigward il-qorti rriteniet illi d- dritt tal-assistenza legali għandha tkun ir-regola ġenerali u tali dritt għandu jingħata*

*mill-istadju inizjali tal-investigazzjoni salv f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Kompliet ittenni li d-dritt tad-difiża jkun ippreġudikat meta persuna taħt investigazzjoni tagħti stqarrija fejn tinkrimina lilha nnifisha mingħajr ma tkun ingħatat id-dritt illi tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha. Inoltre, l-istess qorti rriteniet illi ċ-ċaħda sistematika ta' dan id- dritt huwa leżiv tal-artikolu 6 u cioè dak għal smigħ xieraq. Fil-fatt, l- istess qorti saħqet illi:*

*» "(i) General principles*

*»56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the pri- vilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*»57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is de- monstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restirct this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudied when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*»58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*»(ii) Application to the present case*

*»59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*»60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in*

*different jurisdictions, arising from the fact that an appellant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51- 57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yesilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*»61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraign- ment).*

*»62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assitance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restricitons if there are compelling rasons (see Salduz, cited above, §§ 52-55 and 56).*

*»63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.*

*»Illi din l-istess sentenza rribadiet il-prinċipju illi nuqqas ta' assistenza legal tal-persuni illi xehdu fil-proċeduri tiegħu wkoll jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem stante illi affettwa l-andament tal-proċeduri kriminali u għalhekk f'dak ir-rigward ir-rikorrenti seta' jitqies ikollu a victim status. Illi l-istess sentenza saħqet iżda illi għal- kemm it-talba tiegħu kienet ammissibbli stante illi kienet diġà sabet ksur ma kinitx se tidħol iktar fil-fond tal-ilment:*

*»71. For the purposes of the present case the Court accepts that the applicant has victim status. It also considers that the complaint is not manifeslty ill-founded within the meaning*

*of Article 35 § 3 (a) of the Convention, nor does it appear inadmissible on any other grounds. It must therefore be declared admissible.*

*»72. However, having regard to the findings in paragraph 63 above, the Court does not consider it necessary to examine the merits of this complaint.«*

14. *Il-kwistjoni li trid tindirizza din il-qorti hawnhekk hija jekk l-istqarrija tax- xhud ewlieni fil-każ tal-attur – u cioè Maria Assunta Vella – hijiex valida u jekk tistax tintuża bħala prova kontra l-attur u dan minħabba l- fatt li l-istess stqarrija ttieħdet mill-pulizija waqt l-interrogazzjoni ta' Maria Assunta Vella mingħajr ma' din kellha l-opportunità sabiex tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha waqt l-interrogazzjoni.*

15. *Dan it-tip ta' ilment dwar stqarrija ta' xhud diġà kien trattat fis- sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet "<u>Mario Borg v. Kummissarju tal-Pulizija et</u>. F'dik il-kawża Mario Borg kien ilmenta, inter alia, dwar il-fatt li x-xhieda ewlenin li xehdu fil- proċeduri kriminali kontra tiegħu ma kellhomx aċċess għal assistenza legali u għalhekk dak in-nuqqas kellu riperkussjonijiet fil-proċeduri fil-konfront tiegħu. Din il-qorti kienet qalet hekk:*

*»Għalkemm mhux neċessarjament huwa l-każ illi, kif qalet l-ewwel qorti, "F'każ ta` stqarrija li tingħata lill-pulizija, hi biss il-persuna li tagħmel l-istqarrija li għandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex aċċess għall-avukat u tinvoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni" – għax jista' jkun illi min jagħmel listqarrija ma jkollux aċċess għal qorti u għalhekk ma jistax jitlob rimedju, iżda xorta jibqa' l-fatt illi l-istqarrija tkun ittieħdet b'abbuż u għalhekk ma tkunx tiswa bħala xiehda – fil-każ tallum iż-żewġ xhieda li għamlu l-istqarrija kellhom kull fakoltà li jikkontestawha iżda mhux biss ma għamlux hekk anzi reġgħu tennew dak li qalu f'xiehda ħielsa quddiem il-qorti. Mela jekk min għamel l- istqarrija ma ċaħadhiex u ma ikkontestahiex u ma lmentax li ttieħdet b'abbuż għalkemm kellu kull fakoltà li jagħmel hekk b'aċċess ħieles għal qorti, dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli.«*

16. *Din il-qorti adottat dan l-istess raġunament fis-sentenza tagħha mogħtija fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Patrick Spiteri fejn kienet qalet hekk:*

*»37. Dawn l-aggravji, fil-fehma ta' din il-qorti, huma riżultat ta' malintiż pjuttost mifrux*

*illi min hu akkużat b`reat għandu xi dritt fondamentali illi ma titħalla titressaq ebda xiehda li tista' b`xi mod tkun ta' ħsara għalih, bħallikieku għandu d-dritt ukoll illi f kull każ jinstab mhux ħati u illi l- equality of arms tfisser illi l-prosekuzzjoni tiġi mċaħħda mill-mezzi biex tipprova l-każ tagħha.*

»... ... ...

*»39. ... ... ... ma tressqet ebda prova illi Galea u Cachia lmentaw li dawk l-istqarrijiet ittieħdu bi ksur ta' xi jedd tagħhom, u għalhekk aktar u aktar ma jistax jingħad illi dik l-istqarrija hija illeċita meta min jagħmilha ma jilmentax bi ksur ta' xi jedd tiegħu.*

*»40. Mela l-premessa ta' Spiteri illi l-istqarrijiet ta' Galea u ta' Cachia huma awtomatikament illeċiti għax ma sarux bl-għajnuna ta' avukat hija ħażina u kull argument mibni fuq dik il-premessa huwa neċess- arjament ħażin ukoll.«*

17. *Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, din il-qorti hija tal-fehma li l-fatt waħdu li l-istqarrija ta' Maria Assunta Vella li ttieħdet waqt l-inter- rogazzjoni tagħha ttieħdet mingħajr ma' kienet assistita minn avukat ma jfissirx, b'daqshekk, li kien hemm ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq tal-attur. Fl-ewwel lok, ix-xhud Maria Assunta Vella li għamlet l- istqarrija kellha kull fakoltà li tikkontestaha iżda mhux biss m'għamlitx hekk anzi reġgħet tenniet dak li qalet f'xiehda ħielsa quddiem il-qorti. La Maria Assunta Vella – il-persuna li għamlet l-istqarrija – ma ċaħdithiex u ma kkontestathiex u ma lmentatx li ttieħdet bi ksur tal- jeddijiet fondamentali tagħha – għalkemm kellha kull fakoltà li tagħmel hekk b'aċċess ħieles għall-qorti – dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli. Fit-tieni lok, fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu l- attur għandu l-fakoltajiet kollha li jagħtuh il-jedd għal smiegħ xieraq, fosthom l-equality of arms; partikolarment, jista' jagħmel il-kontro-eżami lix-xhud Maria Assunta Vella biex b'hekk isostni bl-aħjar mod id-difiża tiegħu.*

18. *Għal dawn ir-raġunijiet dan l-ewwel aggravju li ressaq l-attur huwa miċħud.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) v. Patrick Spiteri'**[3] gie kkunsidrat li:

*'38. Gà rajna, waqt it-trattazzjoni tal-appell tal-Pulizija u tal-Avukat Generali, illi l-fatt waħdu illi ssir stqarrija meta min jagħmilha ma jkollux l-għajnuna ta' avukat ma huwiex ipso facto bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.*

*39. Aktar min hekk, ma tressqet ebda prova illi Galea u Cachia lmentaw li dawk l-istqarrijiet ittieħdu bi ksur ta' xi jedd tagħhom, u għalhekk aktar u aktar ma jistax jingħad illi dik l-istqarrija hija illeċita meta min jagħmilha ma jilmentax bi ksur ta' xi jedd tiegħu.*

*40. Mela l-premessa ta' Spiteri illi l-istqarrijiet ta' Galea u ta' Cachia huma awtomatikament illeċiti għax ma sarux bl-għajnuna ta' avukat hija ħażina u kull argument mibni fuq dik il-premessa huwa neċessarjament ħażin ukoll.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Spettur Neville Aquilina Vs Carmel sive Charles Spiteri'**[4] din il-Qorti qieset li:

*'Karl Muscat minn naha tieghu ghalkemm fl-istqarrija li kien irrilaxxa dak iz-zmien u cioe' fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) kien car fi kliemu u cioe' li kien jintbagahat miz-ziju tieghu u cioe' l-appellant ibiegh id-droga ghaz-ziju tieghu, huwa f'dawn il-proceduri allega li dak li kien stqarr fl-istqarrija ma kienx minnu u lanqas meta l-istqarrija giet guramentata. Jaghti x'jifhem li l-pulizija gieghluh jirrilaxxa dik l-istqarrija. Mill-process tal-kawza kontra Karl Muscat jirrizulta ukoll li kienu gew intavolati proceduri kostituzzjonali sabiex tigi attakata l-istqarrija, liema sentenza mhijiex esebita in atti. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet sussegwentement wara li l-kawza kostituzzjonali ghaddiet in gudikat, ikkonfermat il- htija kontra Karl Muscat u naqset il-piena inflitta. Dwar il-kwistjoni tal-istqarrija rilaxxata minn Karl Muscat fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997), tqis li minkejja li Karl Muscat kien instab hati u gie anke kkundannat piena ta' prigunerija effettiva, gialadarba jirrizulta li l-istqarrija tieghu kienet ittiehdet fiz-zmien meta huwa ma kellux jedd li jikkonsulta Avukat qabel it-tehid taghha u lanqas li jkollu Avukat prezenti, din il-Qorti tent kont tal-kontestazzjoni li Karl Muscat qieghed iressaq u anke in vista tad-'Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u*

[3] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Jannar, 2013 (Appell Civili Numru: 66/2011/1)
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Frar, 2020 (Appell numru: 198/2019)

*tal- Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal- awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal- libertà' li t-trasposizzjoni taghha fil-ligi Maltija dahlet ferm wara li Karl Muscat kien irrilaxxa l-istqarrija tieghu, sejra tiskarta l- istqarrija rilaxxata minn Karl Muscat fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) immarkata bhala Dok NH2. Din il-Qorti sejra tiskarta ukoll id- deposizzjoni guramentata tal-istess Karl Muscat moghtija quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-ewwle (1) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) fejn ukoll ma jirrizultax jekk Karl Muscat kienx assistit minn Avukat jew jekk inghatax id- dritt li jkollu Avukat waqt ir-rilaxx ta' din id-deposizzjoni.'*

Fil-kawza odjerna Chantelle Piscopo ma kkontestatx l-istqarrija taghha u ma lmentatx li ma kinitx assistita minn Avukat u lanqas ma lmentat li ma kkonsultatx ma' Avukat anzi kkonfermat l-istqarrija rilaxxata minnha ghal darba, darbtejn bil-gurament. Ghalhekk din il-Qorti tqis li nonostante li l-istqarrija giet rilaxxata fiz-zmien meta suspettata ma kelliex dritt la biex tikkonsulta ma' Avukat qabel l-interogazzjoni u lanqas li jkollha Avukat prezenti waqt l-istqarrija, gialadarba x-xhud ma kkontestatx l-istqarrija rilaxxata minnha anke jekk fix-xhieda tas-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) tikkoregi lilha nnifisha f'parti ta' dak li kienet stqarret ghax tghid li kienet ecitata, ma ssib l-ebda raguni ghala ghandha tiskarta tali stqarrija. Ghalhekk l-istqarrija rilaxxata minn Chantelle Piscopo, dik guramentata u anke x-xhieda taghha moghtija f'dawn il-proceduri huma provi ammissibli.

Ghal dak li jirrigwarda Amadeo Pace, jirrizulta li l-istqarrija tieghu ma gietx prezentata in atti, u ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tqis dak li ufficjali tal-Pulizija setghu xehdu dwar dak li qal l-appellant setgha stqar waqt l-istqarrija li mhijiex esebita. Din il-Qorti izda sejra tqis bhala prova ammissibli kemm ix-xhieda tal-Maggur 1448 Victor Buttigieg moghtija fis-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) u r-rapport prezentat minnu li fih hemm il-verzjoni moghtija a tempo vergine minn Amadeo Pace u li jinsab a fol 48 et sequitur immarkat bhala VB1 kif ukoll tqis bhala ammissibli dak li Amadeo Pace xehed f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju u cioe' dak bl-ittra 'B' jirrigwarda l-apprezzament zbaljat tal-provi u tal-ligi fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet. L-appellant jaghmel referenza ghal fatt li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt. Li huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lil Qorti li l-akkuzi huma veri. Jaghmel referenza ghall-istanza fejn il-Qorti tkun rinfaccata b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jissottometti li l-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi stante li x-xhieda ewlenin tal-Prosekuzzjoni u cioe' Chantelle Piscopo u Amadeo Pace ma kienu xejn kredibbli u kien hemm diversi inkonsistenzi f'dak li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti. Li kien hemm ukoll bdil fil-verzjonijiet tax-xhieda taghhom stess. Li kien hemm tahwid shih fil-flus li allegatament gie moghti l-appellant fejn il-verzjonijiet taz-zewg xhieda ma jaqbilx, kien hemm inkosistenza wkoll fir-rigward Chantelle cemplet lill-appellant u konsiderazzjonijiet ohra. Li ghalhekk skont l-appellant kien hemm kunflitt ta' provi qawwi bejn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni stess u dan ifisser li ghalhekk illi l-appellant ma jistax jinstab hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti sejra ghalhekk in succint taghmel referenza ghal provi prodotti. Fl-ewwel lok tissottolinea li in linea ma' dak deciz mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata l-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat huma inammissibli u ghalhekk qieghda tiskartahom. In oltre' sejra tiskarta ix-xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr l-imputat waqt l-istess stqarrijiet. In oltre' ix-xhieda moghtija mill-imputat quddiem il-Magistrat Inkwirenti hija wkoll nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju u din il-Qorti bhall-Ewwel Qorit mhijiex ser tiehu konjizzjoni taghha.

L-Ispettur Johann J. Fenech xehed fl- 20 ta' Settembru 2011 li fil-lejl tal- 14 ta' Frar tas-2009 kien infurmat li fejn il-bandli ta' Hal-Safi fejn l-iskola kien hemm tfajla mixhuta fl-art hdejn vettura tal-ghamla Volkswagen Golf bin-numru KBJ209. Skoprew li t-tfajla kienet Chantelle Piscopo u x-xufier tal-Golf li kien hemm hdejha qed jaghtiha l-first aid kien certu Amadeo Pace. Fuq tfittxijiet fuq Chantelle Piscopo u fuq Amadeo

Pace ma sabu xejn illegali izda fil-vettura Golf fil-handbag iswed ta' Piscopo li fiha bicca raza tal-Cannabis fil-foil. Kemm Chantelle u anke Pace kienu taw statement u gie stabbilit li dak il-lejl stess Amadeo Pace u Piscopo marru biex jixtru bicaa raza tal-cannabis minghand Piscopo. Ftehmu mieghu biex jiltaqghu fejn il-knisja tal-isla, hallsuh hamsa u ghoxrin ewro (25) ta' bicca raza u marru biex jaqsmuha f'post iehor.

Xehed li Chantelle ikkonfermat l-istatement taht gurament fis- 6 ta' Frar tas- 2009[5]. Qalet li kien is-sekond kugin taghha, kellu mobile number 79812615, kien joqghod l-Isla u fil-fatt kienet qalet li wara li kien qalilha Amadeo Pace jekk xtaqitx tixtri bicca raza, hi qaltlu iva, hu beda jcempel xi nies li jaf li jista' jkollhom ix-xoghol, pero ma sab lil hadd li kellu x-xoghol dakinhar u ghalhekk qabbad lilha biex iccempel lil xi nies. Fl-ahhar qabdet lil Piscopo u staqsietu jekk ghandux raza u qaltlu iva. Ftehmu fuq il-post u l-hin, marru hemmhekk, tghawh il-flus l-ewwel, hamsa u ghoxrin ewro (25) u hu qalilhom "stennewni hawnhekk halli ngib bicca raza" mid-dar tieghu. Xehed li gab mandat li gie esegwit fis- 27 ta' Marzu 2009. Li sussegwentament skopra li dan kien Stuart Piscopo izda fit-tfittxija fid-dar tieghu ma sabux droga ghajr ghall-skartocc vojt.

Xehed li ghandu zewg statements ta' Amadeo Pace, wahda tat- 28 ta' Marzu tas-sena 2009 fejn hemmhekk gharaf lil dak ir-ragel li xtara x-xoghol minghandu mir-ritratt li kien tah l-Ispettur u l-ewwel statement ghamlu fis- 27 ta' Marzu, 2009. Dwar dan, din il-Qorti tippreciza li ma gewx ipprezentati stqarrijiet ta' Amadeo Pace izda gew prezentati stqarrija ta' Chantel Piscopo u zewg stqarrrijiet tal-imputat li din il-Qorti mhijiex sejra tqis stante li kif inghad l-imputat irrilaxxa l-istqarrijiet minghajr ma nghata d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat u lanqas kellu Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrijiet.

**L-Ispettur Johann J. Fenech** fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2011 xehed li fis-27 ta' Marzu 2009 PC1213 u WPC297 kienu sabu balla fil-kamra tieghu li prezenta bhala Dokument JF3. Mill-atti jirrizulta li bhala Dok JF3 gie prezentat estratt tac-certifikat tat-twelid ta' Chantelle Piscopo.

**PS1044 Gordon Calleja** xehed fl- 20 ta' Settembru 2011 fejn spjega li fis- 27 ta' Marzu 2009 ghamlu tfittxija fir-residenza ta' Stuart Piscopo fl-indirizz 3, Triq il-Macina, Isla.

---

[5] Din il-Qorti qieghda tifhem li d-data ghandha taqra s-16 ta' Frar, 2009.

Waqt dawn it-tfittxijiet ma kien instab xejn relatat mal-uzu jew traffikar ta' droga pero' kien instab skartocc vojt.

**Il-Maggur 1448 Victor Buttigieg** xehed fis- 7 ta' Novembru 2011 li fl- 14 ta' Frar 2009 kien ghadu stazzjonat l-Ghassa z-Zurrieq meta ircevew telefonata anonima, b'lehen ta' mara, li hdejn il-bandli ta' Hal-Safi kien hemm persuna mitluqa mal-art. Hu flimkien ma xi pulizija ohra marru fuq il-post fejn hemmhekk sabu lil certu Chantelle Piscopo mitluqa fuq bankina, mitlufa minn sensieha u tirrremetti, hdejn karozza hamra tal-marka Golf bin-numru KBG209. Fuq il-post kien hemm ukoll certu Amadeo Pace li gharaf fl-awla li kien qed ixarbilha wiccha bl-ilma. Huma cemplu ghall-ambulanza u fil-fatt din giet mehuda l-isptar. Staqsa lil Amadeo Pace x'gara u qal li kienu marru, kien iltaqa' maghha x'imkien lejn Bormla, xtara flixkun inbid minn Bormla u marru jixorbuh ir-Rinella u x'hin kienu gejjin lura bdiet thossha hazin u intilfet minn sensiha. Qal li baqghu sejrin lejn Hal-Safi, sab hanut miftuh, xtara l-ilma minn hemm, flixkun ilma u beda jxarbilha wiccha. Saret tfittxija fuq 'Amadeo Brincat' pero fuqu ma nstab xejn. Saret tftixxija fil-prezenza tieghu fil-basket li halliet warajha Chantelle Piscopo u instabet bicca blokka kannella. Staqsih fuqha u qal "Jien ma naf xejn fuqha." Xehed li aktar tard marru l-isptar, kellem lil Chantelle Piscopo fil-prezenza ta' missierha, qalet li kienet ftehmet ma' Amadeo biex johorgu, fil-fatt marret id-dar tieghu, xorbot xi zewg tazzi inbid, qalet li marru l-Isla, il-pjazza tal-Isla fejn ftehmu ma certu 'Stuart Gatt' li jigi kuginuwa biex jixtru l-blokka. Qalet li kienu stennew kwarta u wara kwarta gie taghhom il-blokka, tawh hamsa u ghoxrin ewro u bdew ipejpuha hemmhekk. Qalet li malli hadet l-ewwel zewg nifsijiet intilfet minn sensiha u ma tafx x'gara aktar. Qalet ukoll li fil-karozza ma kinitx xorbot inbid. Meta giet mistoqsija rigward il-blokka li nstabet fil-pussess cioe' fil-basket taghha qalet li ma kinitx taf, li fl-ebda mument li kellha id-droga fil-basket taghha. Qalet li d-droga kienet ta' Amadeo Pace. Il-Maggur 1448 Victor Buttigieg ikkorega ruhu fejn fix-xhieda tieghu rrefera ghal Amadeo Brincat izda ried jghid Amadeo Pace. Jghid li Stuart Gatt ghandu miktub fuq ir-rapport. Huwa esebixxa rapport bhala VB1. Dan jinsab a fol 48 et sequitur.

Fir-rapport fost fatti ohra tnizzel li fl- 14 ta' Frar, 2009 ghal habta ta' 22.40 hrs il-Pulizija ta' Zejtun WPC204 ircieviet telefonata anonima lehen ta' mara fejn qalet li hdejn il-bandli ta' Hal Safi kien hemm mara mitluqa mal-art hdejn karozza hamra. Il-

Pulizija marret fuq il-post indikat fejn sabet lil Chantelle Piscopo mitluqa fuq il-bankina u hdejn vettura numru KBJ309 tal-marka Golf tirremetti u mitlufa minn sensiha. Kien hemm ukoll Amadeo Pace ixarbilha wiccha bl-ilma. Piscopo giet mehuda l-isptar Mater dei. Saret tfittxija fil-vettura fuq Amadeo Pace izda ma nstab xejn. Saret tfittxija fil-basket li kellha Piscopo li kien fil-vettura imsemmija fil-prezenza ta' Piscopo fiz-zipp tal-genb instabet bicca blokka ta' kulur kannella imgezwra fil-fidda li x'aktarx hi raza tal-kannabis. Meta mitkellem mill-Pulizija, Pace qal li llum xi 8:30pm Chantelle kienet giet id-dar tieghu fejn wara iddecidew li johorgu, marru jixtru flixkun inbid minn ghand Felic tal-Gabbana ta' Bormla u marru jixorbuh ir-Rinella hdejn tal-films. Chantelle bdiet tirremetti u ghalhekk telqu minn hemm u gibed lejn iz-Zurrieq fi triq intilfet minn sensiha u gibed lejn Hal Safi biex jixtri l-ilma biex ixarbilha wiccha fejn kif wasal hdejn il-bandli ra hanut miftuh cioe' Friendly Bar u minn hemm xtara l-ilma beda ixarbilha wiccha, pero baqghet tirremetti mitlufa minn sensiha, ghalhekk harigha mill-karozza ghall-aktar arja. Dwar droga qal li ma kien jaf xejn u ma jafx jekk haditx xi haga jew xorbot aktar qabel ma ltaqghet mieghu. PS 1044, PC 1099, WPC 297 u PC 365 mid-drug squad gew fuq il-post ghal aktar stharrig minn naha taghhom. Pace gie mehud il-lockup tal-Pulizija ghal aktar stharrig. Il-Pulizija ta' Zurrieq kif ukoll PS 1044 marru l-Isptar Mater Dei fejn hemm Chantelle Piscopo giet mitkelma fil-prezenza ta' missierha Stephen Piscopo u qalet li kienet marret id-dar ta' Pace u wara ftit hu qalilha biex johorgu u fil-karozza qalilha biex jixtru bicca blokka u jaqsmu flus bejnithom. Cempel lil kuginuha certu 'Steward Gatt' u ftiehem mieghu hdejn il-Knisja tal-Isla, meta marru hemm tawh hamsa u ghoxrin (25) ewro u wara xi ghoxrin (20) minuta rega gie lura u ghadda lil Pace il-blokka u dan waddaba fil-kartiera tieghu. Minn hemm marru jixtru flixkun inbid minn ghand tal-Gabbana ta' Bormla u minn hemm telqu ir-Rinella, Pace farrak bicca mill-blokka waddab minna f'zewg sigaretti li hu kien baram u bdew ipejpju. Qalet li fil-karozza ma lahqitx xorbot inbid peress li kif bdiet tpejjep hassitha ma tiflahx u intilfet minn sensiha pero kienet lahqet xorbot aktar qabel zewg taxxi meta kienet ghand ommu. Qalet li fl-ebda hin ma kellha il-blokka fil-pussess taghha u ma tafx kif din kienet fil-basket taghha. Il-basket li fih kien hemm id-droga kif ukoll portmoni ta' kulur iswed li kien fih karta ta' 10 ewro u zewg ewros u 10 centezmi f'muniti, mobile tal-marka Samsung ta' Kulur roza, umbrella, pakkett sigaretti Royals u zewg folji ta' pitazz b'numri tat-telefon ta'

diversi persuni kif ukoll id-droga imsemmija gew elevati mill-Pulizija u moghdija lill-Ispettur Pricilla Caruana ghal aktar stharrig li qieghed isir.

**WPC297 Leanne Spiteri** xehdet fis- 16 ta' Jannar 2012 fejn qalet li fis- 27 ta' Marzu (2009), kellhom mandat moghti lilhom mill-Ispettur Fenech, fejn marru jaghmlu tfittxija gewwa residenza numru 3, Triq il-Macina, Bormla, fejn ghamlu tfittxija u rrizultat fin-negattiv. Stuart Piscopo li gharfet fl-awla kien joqghod hemmhekk. Fejn il-bandli fuq il-post sabet handbag li fih kien hemm bicca kannella suspettata raza tal-Cannabis. Kien hemm ukoll Amadeo Pace. Marret l-ipstar u kelmitha.

**PC1213 Carlos Axisa** xehed fid-9 ta' Ottubru 2012 fejn spjega li fis-sebgha u ghoxrin 27 ta' Marzu 2009 fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Johann Fenech kienu ghamlu arrest warrant u tfittxija fir-residenza ta' Stuart Piscopo li gharaf fl-awla fejn kien ma PS1044, WPC297 u PC279. Jiftakar lill-imputat izda ma jiftakarx x'tip ta' balla kienet.

Fit- 18 ta' Frar 2013 l-**Ispettur Johann J. Fenech** xehed li qed jaghti x-xhieda tieghu ghan-nom ta' PS357. Xehed li l-imputat ma ghandux licenzja biex igorr armi. Din giet esebita bhala Dok JF4. WPC 123 Janet Cachia xehdet fit- 13 ta' Mejju 2013 li l-imputat ma ghandux l-ebda licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija fuq armi.

**Chantelle Piscopo** fl-istqarrija rilaxxata fis- 16 ta' Frar 2009 u li tinsab a fol 19 et sequitur spjegat li ma ghandhiex vizzju tad-droga izda pejpet joint tal-Cannabis l-ewwel darba s-Sibt l- 14 ta' Frar 2009. Qatt ma hadet droga ohra. Lil Amadeo Pace saret tafu minghand habibta peress li huwa l-kugin ta' habibtha. Kienet taf li Amadeo kellu l-vizzju ta-droga. Qalilha li kien jiehu 'ectasy', kokajina, 'speed' u l-Cannabis, li ilu jiehu minnhom minn mindu kellu hmistax (15) jew sittax (16)-il sena. Qalilha minghand min jixtri d-droga izda ma xtaqitx tghid. L-iktar li kien jiehu l-kokajina u l-haxixa, l-iktar meta johrog u meta jkun *down*. Kokajina l-aktar li kien igib madwar erba' grammi kull meta jkollu flus u jaqsama ma shabu. Dan tafu ghax kien jghidilha. Is-sibt qalilha jekk riditx tpejjep joint tal-Cannabis.

Spjegat li s-sibt li ghadda marret ghand habibta Rowanda u ftit wara qaltilha li sejra ghand omm oht Rowanda li tigi omm Amadeo u marret. Qadet tilghab mat-tifla ta' huh u telghet fuq hdejh, kien qed jisma d-diska. Spjegat li '*Wara ftit Amadeo qalli, "tridx nghidlek x'naghmlu? Nixtru bicca, immorru nixtru flixkun inbid u mmorru x'imkien ghall-kwiet!" Jien accettajt, imbaghad bdejna naraw lil min ha ncemplu. L-ewwel beda*

*jcempel lil shabu bil-'mobile' tieghu, ma nafx lil min imma. Beda jsaqsihom jekk kellhomx imma qalulu li ma kellhomx dak il-hin. Imbaghad ghidtlu biex nipprova jien, l-ewwel ghidtlu li ma kontx ha ncempel minhabba missieri, imbaghad hu qalli, "taghtix kaz. Nidhol jien fil-kaz." Qalli "ejja cempel." L-ewwel cempilt lil certu wiehed Terence, hemm in-numru tieghu ssejvjat fil-'mobile' tieghi, u saqsa lil siehbu jekk kellux, u qallu li ma kellux. Imbaghad jien ghidt lil Amadeo li Terence ma kellux u ghidtlu li ma kontx ha ncempel lil kuginuwi ghax jigi minni. Hu qalli, "tinkwetax cempel". Jien cempiltlu u Stewart, kuginuwi, qalli biex niltaqghu hdejn il-Knisja tal-Isla. Jien ghidt lil Amadeo u hu qalli li ma kinitx problema u tlajna l-Isla bil-karozza t'Amadeo. Imbaghad Amadeo ta 25 ewros lil kuginuwi, stennejnieh xi 20 minuta u gablu bicca blokka tal-Cannabis u tefaghha fil-kartiera. U tlaqna. Imbaghad morna nixtru minghand Felic flixkun inbid, tlajna r-Rinella u hekk kif waqafna, Amadeo beda jaghmel zewg 'joints', u beda jsaqsini kontinwament jekk ridtx u jien waqajt. Irrid nghid li kont naqa' storduta bix-xorb ghax waqt li kont ghand omm Rowanda hadt zewg tazzi nbid. Wara li pejjipt ftit mill-'joint' u kont ha nixrob naqa' nbid waqajt mal-art. S'hemmhekk naf.'*

Ikkonfermat li l-bicca raza tal-Cannabis li semmiet hija dik li giet murija u li nstabet fil-handbag taghha. Hi harget hdax (11)-il ewro. Dwar Stewart qalet li dak sekond kugin taghha u ma tantx taf affarijiet fuqu. Taf pero li kunjomu Piscopo u joqghod triq il-Macina, Isla. Ikkonfermat li fuq il-mobile ghandha 'l-kugin stuart' bin-numru tal-mobile 79812615, li dak huwa l-istess Stuart li beghlhom il-Cannabis. Ma tafx kemm ilu jbiegh izda kienet taf li jpejjep il-haxixa u ghalhekk cemplitlu ghax issoponiet li jkollu. Ma taf lil hadd li kien jixtri minghand Stuart. Stqarret dwar Terence li kien ibiegh ukoll pero semghet li ma ghadux. Qalet li Amadeo waqqaha tiehu droga s-Sibt li ghadda, qatt ma bieghet jew offriet droga lil xi hadd.

L-istqarrija taghha giet ikkonfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti fis- 16 ta' Frar 2009 skont fol 18.

Fis-seduta tal- 20 ta' Settembru 2011 Chantelle Piscopo ma xtaqitx tixhed fil-konfront tas-sekond kugin taghha.

**Chantelle Piscopo** izda xehdet fis- 7 ta' Novembru 2011 fejn qalet li l-imputat Stuart Piscopo huwa kuginuha. Spjegat li '*Ommu tigi z-zija ta' missieri, sekondo kugin jigi. Dak kont ghand Amadeo Pace, konna qed nisimghu d-diskri u f'daqqa wahda Amadeo Pace iddejjaq gewwa u ried li nohorgu, ghidtlu "all right", ghidtlu, "fejn ha mmorru dan il-hin?", qalli "x'imkien ma nsibux". Imbaghad wara zewg sekondi qalli li jrid il-haxixa, ghidtlu*

*"oqghod attent minhabba ommok", ghidtlu, "ghax diga qaltlek u l-hin kollu tavzak", qalli, "u iva". Ghidtlu, "minnghand min?" qalli, "ara ssibx lil xi hadd?" u jiena ccekkjajt fil-mobile, naf li ma kelli lil hadd, imma imbaghad gie Stuart piscopo go mohhi u cempiltlu u qalli li ghandu u ghidtlu li ghandu lil Amadeo Pace.'* Spjegat '*Ghandu haxixa u qalli "mela ghidlu biex niltaqghu mieghu" u ltqajna mieghu hdejn il-knisja. Nixtieq nghid li l-ahhar darba kont eccitata u dawwartha, ridt nghid li Amadeo Pace tghah il-flus u kuginwui tghah il-haxixa. Imbaghad morna ghand Felic nixtru flixkun inbid u zewg tazzi. Morna r-Rinella fejn tal-films, bdejna nixorbu u hekk, hu qalli, "trid" kontinwament u jiena waqghajt, hadt tlett nifsijiet u daqshek. Dak il-hin dlam iswed, imbaghad insib ruhi l-isptar.*'

Ikkonfermat li telghu l-Isla fejn il-knisja. Ikkonfermat li hi ftehmet ma Piscopo kemm ser jixtru u fejn ser jiltaqghu. Qalet lil Amadeo Pace, hu beda jghidlu u hi qalet lil 'Stewart Piscopo'. Lil Stuart Piscopo kelmitu hi izda Amadeo Pace ftiehem mieghu dwar hlas. Spjegat '*Hu dar fuqi u qalli, "trid tohrog nofs", jien ghidtlu, "iva", dak il-hin, pero ma bsartx li n-nofs naqsmuh. Go mohhi ghidt li ma kellux fuqu flus u tghajtu twelve euros (€12) u lil Stuart Amadeo Pace tghah twenty five euros (€25) b'kollox.*' Hi harget tnax-il ewro u huwa hareg tlettax il-ewro. Droga tah bicca haxixa shiha go foil. Il-foil ma fethitux hi. Fethu Amadeo Pace. Il-foil kien fih il-haxixa bicca blokka. Telghu fejn il-knisja bil-karozza ta' Amadeo Pace. Spjegat li '*Dak Amadeo Pace qalli, "dan hu kuginuk", ghidtlu "iva dan", jiena ghidtlu, u Amadeo Pace qallu lil Stuart biex igiblu l-blokka, qallu, "tini cans". Stuart Piscopo, mar, ma nafx fejn mar, ghax konna qed nistennewh hdejn il-knisja u gabielu.*' Il-blokka taghha lil Amadeo Pace u hadha Amadeo Pace jigifieri tah hamsa u ghoxrin ewro (25). Spjegat li '*Morna ghand Felic, morna nixtru, xtara flixkun inbid u zewg tazzi, morna hdejn tal-films u bdejna nixorbu, kull ma hadt tazza jew tnejn l-aktar u beda jghidli, beda jibrom, jibromha u jfarraka u qalli "trid" in kontinwament u baqa' jinsisti u waqghajt, kull ma hadt xi tlett nifsijiet.*' Rambala b'idejh gol-libretti.

Apparti din id-darba qatt ma cemplitlu lil Piscopo biex tixtri minn ghandu. Dakinhar kienet l-ewwel darba li cemplitlu biex tixtri minn ghandu. Amadeo Pace ma qalilix li gieli xtara minn ghandu. Dak il-hin Stuart Piscopo gie f'mohha, basret li forsi li jkollu. Mistoqsija '*Ghaliex ghax jabbuza wkoll?*' wiegbet '*Le, ma nafx, bsart li jkollu hu.*' Stuart Piscopo qatt ma cemplilha jofrilha xi haga ta' dan it-tip. Dak in-nhar kienet l-ewwel darba li hadet droga. Hi ftakret li xehdet quddiem Magistrat u

kkonfermat l-istqarrija li kienet tat lil pulizija. Hija giet moqrija l-istqarrija taghha u kkonfermatha. Hija gharfet lil Stuart Piscopo fl-awla. Xehdet li ma tafx kif il-bicca giet fil-handbag taghha.

**Chantal Piscopo** regghet xehdet fis- 27 ta' Mejju, 2016. Ikkonfermat li kienet tressqet u li l-kaz kien inqata, anke ta' Amadeo Pace. Spjegat li meta ltaqghu ma kuginuha Stuart Piscopo, Amadeo ta' l-flus lil Stuart, hamsa u ghoxrin (25) jekk tiftakar sew u hi taghtu ghaxar (10) ewro imbaghad tah il-haxixa. Stuart Piscopo ta' l-haxixa lil Amadeo u mbghad marru r-Rinella. Suggeriet lilha li Amadeo fix-xhieda tieghu qal li l-bicca haxixa taha lilha mit-tieqa tal-karozza mhux lil Amadeo, wiegbet '*Le, jien tajtu it-10 lil Amadeo*' u hi kienet fil-karozza. Kienu hdejn il-knisja u baqghet dejjem fil-karozza. Hi taghtu l-10 lil Amadeo, mistoqsija kienux 11 jew 12 qalet li tahseb 10, li ma tantx tiftakar. Imbaghad Amadeo ta l-flus lil Stuart minn got-tieqa. Stuart gie mat-tieqa u mar in-naha ta' Amadeo li kien qed isuq. Imbaghad tah il-flus Amadeo lil Stuart u Stuart tah il-haxixa. Ratu jaghtih il-haxixa Stuart lil Amadeo. Ratu hatih bicca kannella qisha kienet imgezwra go plastic. Kien id-dlam kien filghaxija, qisha bicca kaxxa blokka go plastic traspartenti ratu jaghtih. Forma ta' blokka, mistoqsija '*Pero assumejt li kienet haxixa mhux ghax kont taf li haxixa ghax inti qabel qatt ma rajt haxixa*' wiegbet '*Le*'. L-ewwel darba li hadet dawk in-nifsijiet. Hi cemplet lil kugintuha ghal bicca haxixa Mistoqsija li fl-istqarrija taghha qalet li ma kinitx taf li kuginuha kien jiehu u ghala cemplet lilu, wiegbet li forsi dak il-hin gie hu f'mohha. Ma tiftakarx kemm xorbu mill-inbid. Jekk tiftakar sew lanqas tazza ma kienet hadet. L-Avukat difensur ghamel referenza ghall-istqarrija taghha. F'din l-istqarrija intqal li '*Ma nafx kemm ilu jbiegh imma kont naf li jpejjep il-haxixa u ghalhekk cempiltlu ghax issoponejt li jkollu*'. Ikkonfermat li fix-xhieda taghha qalet li ma tafx kienx ibiegh jew ma tafx jekk kienx jikkonsma u ma tafx kellux droga u f'xhieda ohra qalet li ma tafx kemm ilu jbiegh.

**Amadeo Pace** xehed fis-seduta tat- 13 ta' Mejju, 2013 li ma ghandux x'jaqsam mal-imputat izda laqghatu mieghu il-kugina tal-imputat. Kienu d-dar u Chantelle Piscopo l-kugina ta' Stuart cemplitlu, hu ma kelmux. Ma kellux idea tieghu. Ikkuntatjatu biex igibu bicca haxixa dakinhar. Jghid li ma kellux idea ta' dawn l-affarijiet, ikkuntatjatu hi. Ikkonferma li hu u Chantelle ftehmu li riedu bicca haxixa. Wara li cemplitlu mar jiltaqa mieghu l-Isla fejn il-knisja, imbaghad mar gab l-

affarijiet u '*jien tlaqt l'hemm.*' Kien fil-karozza qed jistenna ma' Chantelle. L-imputat ma kienx b'karozza, kien barra bil-mixi. Taghhom l-affarijiet, taghhom lil Chantelle u ghaddielu hamsa u ghoxrin (25) ewro. Ix-xhud hareg nofshom. Chantelle ma hargitx mill-karozza, kienet bilqieghda passigiera u tahielha mit-tieqa, tghatu l-flus u marru. Marru jaghmlu sigarett u marru jduru bil-karozza, hi ma bdietx thossha sew. It-tnejn li huma hadu minnha. Id-droga xtrawa mill-Isla fejn il-knisja bil-vettura tieghu. Halsu t-tnejn nofs bin-nofs, 12.50 u 12.50. Xtraw bicca raza li swiet hamsa u ghoxrin (25) ewro. Chantelle ftiehmet, hu ma kelmux. Gab l-affarijiet u telqu. Tawh il-flus u gabilhom l-affarijiet. Mar maghha fil-vettura tieghu l-isla, il-hsieb li jixtru r-raza kienet ta' tnejn. Spjega '*Jien issuggerjtha u hi hatfitni fil-kelma*'. Hu ma kien jaf lil hadd, kien qata dawn l-affarijiet, dakinhar qabditu sew il-leblieba u waqa.

**Amadeo Pace** xehed ukoll fil- 11 ta' Novembru, 2016 li lil Stuart Piscopo ma kienx jafu qabel dak inhar, laqghetu kugintu Chantelle. Qabel qatt ma kien kellmu. Il-25 ewro kienu qasmuhom 12.50 u 12.50. L-idea kienet tieghu li javvicnaw persuna u jixtru droga u hi accettat mill-ewwel. Mistoqsi dwar kif kien xehed li ma kellux idea ta' dawn l-affarijiet, qal li kienu d-dar ghandu u hu hareg bl-idea u hi accettat imma dakinhar ma kien jaf lil hadd peress li kien wieqaf. Meta qal li ma kellux idea ta' dawn l-affarijiet ried ifisser tan-nies ghax kien qata il-kuntatti imma dakinhar rega fettillu. Ikkonferma li l-kaz tieghu inqata.

Ikkunsidrat;

L-appellant permezz tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet gie akkuzat kemm li biegh jew traffika r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza kif ukoll li kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza. Din il-Qorti tqis li gie sufficentement ippruvat li l-appellant biegh lil Chantelle Piscopo u Amadeo Pace raza tal-cannabis u dan versu l-prezz ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25). Din il-Qorti tqis li ghalkemm kien hemm xi diskrepanzi fix-xhieda ta' Chantelle Piscopo meta kkomparat ma dak mistqarr minnha fl-istqarrija u anke ma dak li xehdet fl-ewwel xhieda moghtija f'dawn il-proceduri fosthom jekk halsitx ghaxar (10) ewro, hdax (11) jew tnax (12)-il ewro ghal din id-droga, kif ukoll tal-fatt li filwaqt li fl-istqarrija tghid li ma tafx li kuginuha kemm kien ilu jbiegh imma kienet taf li jpejjep il-haxixa, meta xehdet qalet li huwa gie f'rasha izda ma kinitx taf li

jikkonsma jew ibiegh droga. Jirrizulta ukoll diskrepanzi ohra fosthom li li meta xehdet fis- 7 ta' Novembru 2011 qalet li l-blokka kienet imgezwra gewwa foil filwaqt li fl-ahhar xhieda taghha u cioe' fis- 27 ta' Mejju 2016 tghid li kienet go l-plastik. Nonostante dan, din il-Qorti tqis li xorta wahda tqis lil Chantelle Piscopo bhala xhud kredibbli f'dak li jirrigwarda l-fatt li hi u Amadeo Pace flimkien hallsu hamsa u ghoxrin (25) ewro lill-appellant li provda blokka Cannabis.

Minn naha l-ohra Amadeo Pace jiprova jiminizza l-involviment tieghu kemm jista' jkun. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda tal-Maggur 1448 Victor Buttigieg moghtija fis- 7 ta' Novembru 2011 li meta staqsa lil Amadeo Pace dwar il-bicca blokka kannella qal li ma kien jaf xejn fuqha u anke fix-xhieda tieghu fejn ghalkemm jikkonferma li din inxtrat ghal hamsa u ghoxrin (25) ewro jghid li ma kellimx lill-imputat u li l-imputat ghadda l-haxixa lil Chantelle u mhux lilu.

Nonostante l-fatt li l-Qorti tinnota diskrepanza fl-ammont li dawn iz-zewg xhieda jghidu li hargu bhala sehmhom ghal din id-droga, it-tnejn jikkonfermaw li din inxtrat ghal hamsa u ghoxrin (25) ewro minghand l-imputat. Din il-Qorti ghalhekk ma ssib l-ebda raguni ghala ghandha tvarja l-apprezzament ta' provi maghmul mill-Ewwel Qorti li huwa wiehed korrett. Ghalkemm il-Prosekuzzjoni baqghet ma esebitx is-sustanza fl-atti u baqghet ma gietx analizzata, minkejja li Chantelle Piscopo tghid li din kienet l-ewwel darba li ikkonsmat droga, din ma kinitx l-ewwel darba ghal Amadeo Pace ghalkemm fix-xhieda tieghu jghid li kien qata u li dakinhar qelbitu l-leblieba. Ghalhekk ma hemmx dubju li s-sustanza kienet Cannabis.

Ghalhekk gialadarba rrizulta li l-appellant biegh lil Chantelle Piscopo u lil Amadeo Pace raza tal-Cannabis dakinhar tal- 14 ta' Frar 2009, jirrizulta li huwa kellu fil-pussess tieghu dik id-droga. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tikkonferma fejn il-Qorti sabet lill-appellant hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet in kwantu d-data tal- 14 ta' Frar, 2009. Din il-Qorti tikkonferma ukoll fejn il-Qorti qieset li ghalkemm gewwa l-knisja jmorru diversi nies fosthom ukoll zaghzagh, ma qisietx il-knisja bhala post fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh. Tikkonferma fejn qieset li Chantelle Piscopo fiz-zmien tal-kaz odjern kienet ghada minuri ta' sittax (16)-il sena. Ghalhekk tikkonferma fejn qieset l-aggravju bhala sodisfacentement ippruvat f'dan ir-rigward.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet (3) aggravju u cioe' dak bl-ittra 'C' jirrigwarda l-piena. Jissottometti li l-piena moghtija u cioe' dik ta' tlett (3) xhur prigunerija u seba' mitt ewro (€700) multa hija wahda eccessiva. Jirreferi ghall-insenjament gurisprudenzjali dwar li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv a skaptitu tal-mezz deterrent fil-piena. Jaghmel referenza ghal fedina penali netta tieghu, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija tant li ibbenefika mill-Artikolu 29 kif ukoll minhabba t-trapass taz-zmien apparti elementi ohra.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li l-fedina penali aggornata tal-imputat hija netta, li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni taghha tant li l-Prosekuzzjoni iddikjarat illi l-imputat ghandu jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Qieset is-serjeta tar-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni, qieset l-eta' tenera tal-imputat fiz-zmien tal-kaz odjern kif ukoll li m'hemm ebda prova fl-att li l-imputat ittraffika d-droga ghajr f'din l-okkazzjoni. Ghal fini ta' piena qieset ir-reat ikkontemplat fit-tieni (2) imputazzjoni bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi mwettaq ir-reat fl-ewwel (1) imputazzjoni. Din il-Qorti taqbel ma dawn il-kunsiderazzjonijiet maghmulha mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Fis-seduta tat- 22 ta' Novembru, 2018 quddiem din il-Qorti d-difiza talbet li jithejja Social Enquiry Report fil-konfront tal-appellant, liema talba giet milquha.

L-Ufficjal tal-**Probation Rhona Custo** xehdet fis- 26 ta' Frar 2019. Xehdet li giet nominata sabiex thejji social inquiry report fir-rigward ta' Stuart Piscopo. Spjegat li bhala parti minn dan ir-rapport saru tlett laqghat mal-appellant kif ukoll zjara fir-residenza tieghu fejn saret intervista ma' ommu u ma' ohtu kif ukoll saret intervista mas-siehba tieghu. Xehdet li '*On the whole*' jidher li gej minn familja tajba u kellu trobbija tieghu felici, pero' l-iktar fattur li spikka kienet it-telfa' ta' missieru meta kellu madwar erbatax (14)-il sena. Kemm hu u kemm il-familja tieghu jatribwixxu dan l-uzu tal-kannabis ghal din it-telfa jsostni li filfatt ilu jpejjep minn meta kellu erbatax (14)-il sena u qatt ma rrikorra ghall-ghajnuna professjonali. Madwar disa' xhur ilu meta kienet ser titwieled it-tifla tieghu qata' kompletament u filfatt testijiet li ttiehdulu fid-dipartiment tal-Probation u tal-Parole irrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti bhal Kannabis erojina u kokajina li saru tlett testijiet b'kollox. Ilu f'relazzjoni madwar sentejn u tirrizulta li hija wahda stabbli u flimkien dawn it-tnejn

ghandhom tarbija li llum ghandha erba (4) xhur. Li huwa bniedem rizervat hafna u infatti anke s-siehba tieghu rrimarkat li hu jsibha difficli hafna sabiex huwa jesprimi ruhu u wriet anke x-xewqa li jkollu xi tip ta' ghajnuna f'dan ir-rigward. Ilu fi impjieg regolarizzat ghal madwar tlett (3) snin u nofs li huwa stabbli wkoll u ghandu hafna sapport mill-familja u mis-siehba tieghu. Qatt ma fittex ghajnuna dwar dawn l-emozzjonijiet. Kemm ilu ma juzax il-cannabis kemm il-darba jkun nervuz hafna u jwassal ghal hafna argumenti. Qatt ma fittex ghajnuna qabel. Kien ilu jabbuza mid-droga tal-Cannabis minn meta kelu erbatax (14)-il sena u llum ghandu tmienja u ghoxrin (28) sena u qal li ilu wieqaf xi tmienja (8) jew disa' (9) xhur. In kontro-ezami spjegat li mir-rizultati li ttiehdu mid-dipartiment tal-Probation u l-Parole kienu negattivi. Dawn ittiehdu fit-tletin (30) ta' Jannar, sebgha (7) ta' Frar u hmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019).

Gie prezentat Social Inquiry Report immarkat bhala Dok RC. Skont il-fedina penali li tinsab a fol 198 prezentata ma' dan ir-rapport jirrizulta li l-imputat fit- 8 ta' Ottubru 2018 kien instab hati li fil- 5 ta' April 2017 u/jew fil-gimghat ta' qabel dik id-data, kien fil-pussess ta' r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazjzonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

Fis-seduta tas- 26 ta' Frar, 2019 id-difiza talbet li l-Qorti tikkonverti ruhha fi Drug Court *ai termini* tal-artikolu 8 tal-Kap 537. L-Avukat Generali kien oppona ghal din it-talba in vista tal-fatt li l-artikolu 8(2)(c) ma giex sodisfatt. Din il-Qorti fil- 25 ta' April, 2019 qieset li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 bhala sodisfatti u ghalhekk assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferiet lil persuna akkuzata quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-droga sabiex jaghti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkuzata kif previst fl-artikolu 6.

Illi fit- 13 ta' Awissu 2020 giet prezentata nota tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-droga fejn il-Qorti giet infurmata li l-Bord huwa sodisfatt bil-process ta' riabilitazzjoni li ntemm b'success u gie esebit kopja tal-verbal tal-Bord u tar-rapport. Il-urine samples li ttiehdu irrizultaw fin-negattiv ghal kull sustanza illicita.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li ghalkemm l-appellant ma xehdx f'dawn il-proceduri, jirrizulta mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Rona Custo li l-appellant kellu

dipendenza fuq id-droga. Ghalhekk din il-Qorti tqis li ghalkemm ir-reat u cioe' l-fatt li biegh id-droga Cannabis lil Chantelle Piscopo u Amadeo Pace huwa reat serju tant li d-droga qieghda taghmel deni kemm lil persuni li jikkonsmaw id-droga, kif ukoll lil familja taghhom u s-socjeta' in generali li ssofri l-konsegwenzi ta' dan il-vizzju fosthom meta jigu kommessi reati ohra biex tigi sostnuta d-dipendenza fuq id-dorga, tqis li r-reati li taghhom qieghed jigi kkonfermat bhala hati bhala rizultat tad-dipedenza li l-appellant kellu fuq id-droga. Tqis ukoll li l-progress li ghamel l-appellant ghandu jigi rikonoxxut u ghalhekk piena ta' prigunerija effettiva ma hijiex idonea fic-cirkostanzi.

Din il-Qorti dwar il-piena erogata tqis li ghalkemm il-piena imposta mill-Ewwel Qorti u cioe' t-tlett (3) xhur prigunerija u  multa ta' seba' mitt ewro (700) mhijiex esagerata fic-cirkostanzi tal-kaz, tqis li ghar-ragunijiet moghtija f'din is-sentenza u cioe' l-fatt li jirrizulta li kien hemm kambjament pozittiv f'hajjet l-appellant u li llum huwa hieles mill-vizzju gherriedi tad-droga, din il-Qorti ghandha tirrevoka fejn il-Qorti kkundannat lill-appellant ghal tlett (3) xhur prigunerija u minflokk qieghda tikkundanna lill-appellant ghal tlett (3) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sentejn (2) mil-lum.

Din l-Qorti minn naha l-ohra sejra tikkonferma l-imposizzjoni ta' multa ta' seba' mitt ewro (€700) li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistghu jithallsu mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50) bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum. F'kaz li l-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.  Din il-Qorti tikkonferma l-ordni ghad-distruzzjoni ta' Dokument JF3 u cioe' minuzzjoni deskritta bhala 'balla' mill-Ispettur johann J. Fenech fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011).

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell u filwaqt li tikkonferma fejn il-Qorti fis-sentenza appellata ma sabitx lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u fejn illiberatu minnha u tikkonferma fejn sabitu hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet in kwantu dawn jirreferu ghall- 14 ta' Frar ,2009 u mhux ghall-gimghat ta' qabel din id-data, kif ukoll tikkonferma l-aggravju *ai termini* tat-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-

Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu li Chantelle Piscopo kienet minuri ta' sittax (16)-il sena, tirrevoka fejn ikkundannat lill-appellant ghal tlett (3) xhur prigunerija u minflokk qieghda tikkundanna lill-appellant ghal tlett (3) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sentejn (2) mil-lum.

Din l-Qorti tikkonferma fejn l-appellant gie ikkundannat ghal multa ta' seba' mitt ewro (€700) li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistghu jithallsu mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50) bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum u cioe' mid-data ta' din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. F'kaz li l-appellant jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Din il-Qorti qieghda tikkonferma fejn il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ma gewx matura esperti f'dawn il-proceduri.

Din il-Qorti tikkonferma l-ordni ghad-distruzzjoni ta' Dokument JF3 u cioe' munizzjon esebit mill-Ispettur Johann J. Fenech li jirreferi ghalih bhala 'balla' fis-seduta tas- 7 ta' Novembru 2011.

Il-Qorti spjegat lill-appellant fi kliem car u semplici l-konsegwenzi skont il-ligi jekk l-appellant jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

(Ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur